DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1562

tas-26 ta' Ottubru 2020

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/167 fir-rigward tal-istandards armonizzati għal ċertu tagħmir tar-radju li jikkonċernaw sistemi avvanzati ta' gwida u ta' kontroll tal-moviment fuq is-superfiċje, radars primarji tas-sorveljanza, riċevituri tal-awdjo tax-xandir, tagħmir tat-telekomunikazzjoni mobbli internazzjonali u sistemi tar-radju fissi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 16 tad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), it-tagħmir tar-radju li jkun konformi ma' standards armonizzati jew ma' partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, irid ikun preżunt konformi mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva, koperti minn dawk l-istandards armonizzati jew minn partijiet minnhom.

(2) Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 5376 ([3]), il-Kummissjoni għamlet talba lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) u lill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI) għall-abbozzar u r-reviżjoni tal-istandards armonizzati għat-tagħmir tar-radju b'appoġġ għad-Direttiva 2014/53/UE.

(3) Abbażi tat-talba stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 5376, l-ETSI abbozza l-istandards armonizzati EN 303 213-5-1 V1.1.1, għar-riċevituri u għall-interrogaturi ta' sistemi avvanzati ta' gwida u ta' kontroll tal-moviment fuq is-superfiċje, EN 303 345-2 V1.1.1 u EN 303 345-5 V1.1.1, għar-riċevituri tal-awdjo tax-xandir, u EN 303 364-3 V1.1.1, għar-radars primarji tas-sorveljanza.

(4) Abbażi tat-talba stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 5376, l-ETSI wettaq reviżjoni tal-istandards armonizzati EN 301 908-2 V11.1.2, EN 301 908-13 V11.1.2, EN 302 217-2 V3.1.1 u EN 303 213-6-1 V2.1.1, li r-referenzi tagħhom huma ppubblikati fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]). Dan irriżulta fl-adozzjoni, rispettivament, tal-istandards armonizzati EN 301 908-2 V13.1.1 għal tagħmir tal-utenti għat-telekomunikazzjoni mobbli internazzjonali, EN 301 908-13 V13.1.1 għal tagħmir tal-utenti għall-aċċess bir-radju terrestri universali evolut, EN 302 217-2 V3.2.2 għal sistemi tar-radju fissi u EN 303 213-6-1 V3.1.1 għal sistemi avvanzati ta' gwida u ta' kontroll tal-moviment fuq is-superfiċje.

(5) Il-Kummissjoni, flimkien mal-ETSI, ivvalutat jekk dawk l-istandards armonizzati jikkonformawx mat-talba stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 5376.

(6) L-istandards armonizzati EN 303 213-5-1 V1.1.1 u EN 301 908-2 V13.1.1 jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali li għandhom l-għan li jkopru u li huma stabbiliti fid-Direttiva 2014/53/UE. Għalhekk huwa xieraq li r-referenzi ta' dawk l-istandards jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(7) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 5376 tipprevedi, fl-Anness II 3(3), li "*il-prestazzjoni tar-riċevitur hija wkoll ta' importanza partikolari għat-terminals mobbli, b'mod partikolari l-prestazzjoni tal-antenna, u għat-tagħmir ta' komunikazzjoni użat fl-applikazzjonijiet tas-sikurezza tal-ħajja*". L-istandard armonizzat EN 301 908-13 V13.1.1 ma jinkludix speċifikazzjonijiet rigward il-prestazzjoni tal-antenna. Ir-referenza ta' dak l-istandard armonizzat għalhekk jenħtieġ li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* b'restrizzjoni.

([1]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

([2]) Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 5376 final tal-4 ta' Awwissu 2015 dwar talba għal standardizzazzjoni lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika u lill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni rigward it-tagħmir tar-radju biex tappoġġja d-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

([4]) ĠU C 326, 14.9.2018, p. 114.

(8) In-nota 2 tal-Klawżola 4.3.2 tal-istandard armonizzat EN 302 217-2 V3.2.2 tista' tippermetti lill-manifatturi jiddevjaw minn speċifikazzjonijiet oħra fl-istandard armonizzat li jikkonċernaw ir-Rata ta' Żball tal-Bit (BER) u l-Klawżoli H.3.4, I.3.4 u J.3.4 ta' dak l-istandard armonizzat ma jeħtiġux metodu ta' ttestjar espliċitu biex tintwera l-konformità. Ir-referenza ta' dak l-istandard armonizzat għalhekk jenħtieġ li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* b'restrizzjonijiet.

(9) Ir-Rakkomandazzjoni ITU-R SM.329-12 (09/2012) dwar emissjonijiet mhux mixtieqa fid-dominju mhux awtentiku tiddikjara li "għall-użu l-aktar ekonomiku u effiċjenti tal-ispettru tal-frekwenzi, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti limiti massimi ġenerali tal-emissjonijiet fid-dominju mhux awtentiku". Ir-Rakkomandazzjoni 74-01 (2019) tal-ERC tiddikjara li "għall-finijiet ta' studji speċifiċi ta' kondiviżjoni jew kompatibbiltà, livelli aktar baxxi għall-emissjonijiet mhux mixtieqa fid-dominju mhux awtentiku jistgħu jintużaw biex tittejjeb l-effiċjenza tal-ispettru". L-emissjonijiet tad-dominju mhux awtentiku huma konsegwentement rikonoxxuti bħala rilevanti għall-użu effiċjenti tal-ispettru, li huwa indirizzat fl-ambitu tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE. L-Anness C.3 tal-EN 303 345-2 V1.1.1 u l-Anness B.3 tal-EN 303 345-5 V1.1.1 jirrikonoxxu li l-emissjonijiet mhux mixtieqa tar-riċevitur fid-dominju mhux awtentiku huma rilevanti għall-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE. Madankollu, il-klawżola C.3.5 ta' EN 303 345-2 V1.1.1 u l-klawżola B.3.5 ta' EN 303 345-5 V1.1.1 jipprevedu li l-emissjonijiet mhux mixtieqa tar-riċevitur fid-dominju mhux awtentiku jkunu koperti minn standards oħra. Għalhekk jenħtieġ li r-referenzi tal-istandards armonizzati EN 303 345-2 V1.1.1 u EN 303 345-5 V1.1.1 jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mingħajr restrizzjoni.

(10) Il-premessa 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 5376 titlob li jkun hemm kooperazzjoni tajba mal-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjoni (CEPT), li ġiet ikkonsultata dwar l-aderenza ta' dawn l-istandards armonizzati mar-Rakkomandazzjoni 74-01 (2019) tal-ERC dwar emissjonijiet mhux mixtieqa fid-dominju mhux awtentiku. Bi tweġiba, is-CEPT esprimiet il-fehma li l-illaxkar tal-applikabbiltà tar-Rakkomandazzjoni 74-01 (2019) tal-ERC jista' jseħħ biss f'kundizzjonijiet tekniċi speċifiċi. Il-Klawżola 4.2.1.5 tal-EN 303 213-6-1 V3.1.1 u l-Klawżola 4.2.1.4 tal-EN 303 364-3 V1.1.1 jistgħu għalhekk jipprevedu l-preżunzjoni tal-konformità għal tagħmir tar-radju speċifiku biss. Ir-referenzi ta' dawk l-istandards armonizzati għalhekk jenħtieġ li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* b'restrizzjoni.

(11) L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/167 ([5]) jelenka r-referenzi tal-istandards armonizzati li jikkonferixxu l-preżunzjoni tal-konformità mad-Direttiva 2014/53/UE u l-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jelenka r-referenzi tal-istandards armonizzati li jikkonferixxu l-preżunzjoni tal-konformità mad-Direttiva 2014/53/UE b'restrizzjoni. Sabiex jiġi żgurat li r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/53/UE jiġu elenkati f'att wieħed, ir-referenza tal-istandards EN 303 213-5-1 V1.1.1 u EN 301 908-2 V13.1.1 jenħtieġ li tiġi inkluża fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni u r-referenzi tal-istandards EN 301 908-13 V 13.1.1, EN 302 217-2 V3.2.2, EN 303 213-6-1 V3.1.1, EN 303 345-2 V1.1.1, EN 303 345-5 V1.1.1 u EN 303 364-3 V1.1.1 jenħtieġ li jiġu inklużi fl-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

(12) Skont l-ETSI, l-istandard armonizzat EN 303 339 V1.1.1, li r-referenza tiegħu hija ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([6]), jenħtieġ li jitqies bħala skadut, peress li ma għadux jirrappreżenta l-aktar teknoloġija avvanzata.

(13) Għalhekk jeħtieġ li jiġu rtirati r-referenzi tal-istandards armonizzati EN 301 908-2 V11.1.2, EN 301 908-13 V11.1.2, EN 302 217-2 V3.1.1 u EN 303 213-6-1 V2.1.1, peress li ġew riveduti, u tal-istandard armonizzat EN 303 339 V1.1.1, peress li jitqies bħala skadut, mis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([7]). L-Anness III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/167 jelenka r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/53/UE li ġew irtirati minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk, ikun xieraq li dawk ir-referenzi jiddaħħlu f'dak l-Anness. Sabiex il-manifatturi jingħataw biżżejjed żmien biex jippreparaw għall-applikazzjoni tal-istandards armonizzati EN 301 908-2 V13.1.1, EN 301 908-13 V13.1.1, EN 302 217-2 V3.2.2 u EN 303 213-6-1 V3.1.1, jeħtieġ li jiġi ddifferit l-irtirar tar-referenzi tal-istandards armonizzati EN 301 908-2 V11.1.2, EN 301 908-13 V11.1.2, EN 302 217-2 V3.1.1 u EN 303 213-6-1 V2.1.1. Sabiex il-manifatturi jingħataw żmien biex jippreparaw għall-irtirar tar-referenza tal-istandard armonizzat EN 303 339 V1.1.1, jeħtieġ li jiġi ddifferit l-irtirar tar-referenza ta' dak l-istandard.

(14) Il-konformità ma' standard armonizzat tikkonferixxi l-preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti li ġew stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' dan l-istandard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/167 tal-5 ta' Frar 2020 dwar l-istandards armonizzati għat-tagħmir tar-radju abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 34, 6.2.2020, p. 46).

([6]) ĠU C 326, 14.9.2018, p. 114.

([7]) ĠU C 326, 14.9.2018, p. 114.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/167 hija emendata kif ġej:

(1) l-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;

(2) l-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' din id-Deċiżjoni;

(3) l-Anness III huwa emendat f'konformità mal-Anness III ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/167, jiżdiedu r-ringieli li ġejjin:

Nru	Referenza tal-istandard
"8.	EN 301 908-2 V13.1.1 Networks ċellulari IMT; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju; Parti 2: Tagħmir għall-Utenti (UE) CDMA b'Firxa Diretta (UTRA FDD)
9.	ETSI EN 303 213-5-1 V1.1.1 Sistema Avvanzata ta' Gwida u ta' Kontroll tal-Moviment fuq is-Superfiċje (A-SMGCS); Parti 5: Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju għal tagħmir ta' Multilaterazzjoni (MLAT); Subparti 1: Riċevituri u Interrogaturi".

ANNESS II

Fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/167, jiżdiedu r-ringieli li ġejjin:

Nru	Referenza tal-istandard
"4.	EN 301 908-13 V13.1.1 Networks ċellulari IMT; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju; Parti 13: Tagħmir għall-Utenti (UE) b'Aċċess bir-Radju Terrestri Universali Evolut (E-UTRA) *Avviż*: Dan l-istandard armonizzat ma fihx parametri tal-prestazzjoni tal-antenna u l-konformità ma' dan l-istandard armonizzat ma tagħtix preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżit essenzjali stabbilit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE rigward dawk il-parametri.
5.	EN 302 217-2 V3.2.2 Sistemi tar-Radju Fissi; Karatteristiċi u rekwiżiti għal tagħmir u antenni b'konnessjoni minn punt għal ieħor; Parti 2: Sistemi diġitali li joperaw fil-baned ta' frekwenzi minn 1 GHz sa 86 GHz; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju *Avviż*: Il-konformità ma' dan l-istandard armonizzat ma tagħtix preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżit essenzjali stabbilit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE jekk tiġi applikata n-nota 2 tal-klawżola 4.3.2 ta' dan l-istandard armonizzat; *Avviż*: Fir-rigward tat-tagħmir tar-radju kopert minn waħda mill-Klawżoli H.3.4, I.3.4 jew J.3.4 ta' dan l-istandard armonizzat, il-konformità ma' dan l-istandard armonizzat ma tagħtix preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżit essenzjali stabbilit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE f'każ li ma jitwettqux metodi ta' ttestjar xierqa sabiex tintwera l-konformità, rispettivament, ma' waħda mill-Klawżoli H.3.4, I.3.4 jew J.3.4 ta' dan l-istandard armonizzat.
6.	EN 303 213-6-1 V3.1.1 Sistema Avvanzata ta' Gwida u ta' Kontroll tal-Moviment fuq is-Superfiċje (A-SMGCS); Parti 6: Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju għas-sensuri tar-radar tal-moviment fuq is-superfiċje użati; Subparti 1: Sensuri tal-banda X li jużaw sinjali pulsati u potenza ta' trażmissjoni sa 100 kW *Avviż*: Fir-rigward tal-Klawżola 4.2.1.5 ta' dan l-istandard armonizzat, il-konformità ta' dan l-istandard armonizzat ma tagħtix preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżit essenzjali stabbilit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE għal tagħmir li ma jikkombinax "*sezzjoni oblikwa WR112/R84 u gwida tal-mewġ WR90/R100*" bħal fin-nota 1 tat-Taqsima 1 ta' dan l-istandard armonizzat. Jintalab li l-gwida tal-mewġ ikollha passaġġ tat-trażmissjoni mhux ostakolat kontinwament (pur/mhux perturbat) u tul minimu ta' 20 darba t-tul tal-mewġ cut-off tal-gwida tal-mewġ f'dik il-modalità operattiva.
7.	EN 303 345-2 V1.1.1 Riċevituri tal-awdjo tax-xandir; Parti 2: Servizz tal-awdjo tax-xandir b'AM; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju *Avviż*: Il-konformità ma' dan l-istandard armonizzat ma tagħtix preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżit essenzjali stabbilit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE fir-rigward tal-emissjonijiet mhux mixtieqa tar-riċevitur fid-dominju mhux awtentiku.
8.	EN 303 345-5 V1.1.1 Riċevituri tal-awdjo tax-xandir; Parti 5: Servizz tal-awdjo tax-xandir b'DRM; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju *Avviż*: Il-konformità ma' dan l-istandard armonizzat ma tagħtix preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżit essenzjali stabbilit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE fir-rigward tal-emissjonijiet mhux mixtieqa tar-riċevitur fid-dominju mhux awtentiku.
9.	EN 303 364-3 V1.1.1 Radar Primarju tas-Sorveljanza (PSR); Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju; Parti 3: Sensuri PSR tal-Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru (ATC) li joperaw fil-banda ta' frekwenzi 8 500 MHz sa 10 000 MHz (banda X) *Avviż*: Fir-rigward tal-Klawżola 4.2.1.4 ta' dan l-istandard armonizzat, il-konformità ma' dan l-istandard armonizzat ma tagħtix preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżit essenzjali stabbilit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE għal tagħmir li ma jikkombinax "*sezzjoni oblikwa WR112/R84 u gwida tal-mewġ WR90/R100*" bħal fin-nota 1 tat-Taqsima 1 ta' dan l-istandard armonizzat. Jintalab li l-gwida tal-mewġ ikollha passaġġ tat-trażmissjoni mhux ostakolat kontinwament (pur/mhux perturbat) u tul minimu ta' 20 darba t-tul tal-mewġ cut-off tal-gwida tal-mewġ f'dik il-modalità operattiva.".

ANNESS III

Fl-Anness III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/167, jiżdiedu r-ringieli li ġejjin:

Nru	Referenza tal-istandard	Data tal-irtirar
"12.	EN 301 908-2 V11.1.2 Networks ċellulari IMT; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE; Parti 2: Tagħmir għall-Utenti (UE) CDMA b'Firxa Diretta (UTRA FDD)	27 ta' Ottubru 2021
13.	EN 301 908-13 V11.1.2 Networks ċellulari IMT; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE; Parti 13: Tagħmir għall-Utenti (UE) b'Aċċess bir-Radju Terrestri Universali Evolut (E-UTRA)	27 ta' Ottubru 2021
14.	EN 302 217-2 V3.1.1 Sistemi tar-Radju Fissi; Karatteristiċi u rekwiżiti għal tagħmir u antenni b'konnessjoni minn punt għal ieħor; Parti 2: Sistemi diġitali li joperaw fil-baned ta' frekwenzi minn 1 GHz sa 86 GHz; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE	27 ta' April 2022
15.	EN 303 213-6-1 V2.1.1 Sistema Avvanzata ta' Gwida u ta' Kontroll tal-Moviment fuq is-Superfiċje (A-SMGCS); Parti 6: Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE għas-sensuri tar-radar tal-moviment fuq is-superfiċje użati; Subparti 1: Sensuri tal-banda X li jużaw sinjali pulsati u potenza ta' trażmissjoni sa 100 kW	27 ta' Ottubru 2021
16.	EN 303 339 V1.1.1 Komunikazzjonijiet Diretti bejn l-Ajru u l-Art fuq Banda Wiesgħa; Tagħmir li jopera fuq baned ta' frekwenza minn 1 900 MHz sa 1 920 MHz u minn 5 855 MHz sa 5 875 MHz; Antenni b'dijagramma fissa; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE	27 ta' April 2021".